**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 19 ta` Ġunju, 2018.**

**Talba Nru: 357/2017PA**

**Agius John**

**vs**

**Fenech Joseph**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-8 ta` Awissu 2017 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta` ħames mitt Ewro (€500) rappreżentanti l-prezz ta` materjali użati u xogħlijiet imwettqa mill-attur fil-proprjeta` tal-konvenut ċioe Barumbara Court, Flat 2, Triq San Anton Abbati, Mosta, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mid-data li fiha l-imsemmi debitu kien dovut[1] sad-data tal-ħlas effettiv, inkluż l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 2724/2015 datata 23 ta` Ottubru 2015.

[1] B'digriet tat-Tribunal, ġew kanċellati l-kelmiet 'skond l-iskrittura ta' appalt fuq imsemmi' mill-Avviż tat-Talba

Ra r-Risposta tal-konvenut preżentata fl-20 ta` Ottubru 2017 li permezz tagħha eċċepixxa li: (i) ir-rikorrent għandu jeżibixxi l-iskrittura ta` appalt li allegatament l-intimat iffirma, u li jirreferi għaliha fit-talba tiegħu; (ii) fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju, l-azzjoni attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi l-ebda ammont m'hu dovut mill-intimat lill-attur. Għaldaqstant, it-talbiet għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

Sema' x-xiehda tal-partijiet, u tax-xhieda mressqa minnhom.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

Il-kontendenti ħuma qraba biż-żwieġ. L-attur jiġi r-raġel ta` oħt il-konvenut, preżentement bejn l-attur u oħt il-konvenut hemm pendenti proċeduri ta` separazzjoni.

L-attur **John Agius**[2] xehed li huwa jaħdem bħala *electrical fitter* bis-*shift*, u jagħmel xogħol għal rasu wara l-ħin. Il-konvenut kien xtara kċina minn Birżebbuġia, u talab lill-attur iżarmahielu, iġorrhielu bil-vettura tiegħu u jeħodhielu fil-post tal-konvenut il-Mosta. L-attur hekk għamel, għenu jżarmaha, ġarrielu, għenu jpoġġieha f'postha, u għenu wkoll ibaqqan il-ħajt biex għamil il-madum fejn kellħa tiġi l-kċina. Dan kollu ħadlu tlett ijiem xogħol mis-7am sa 2:30am.

Fuq domanda tat-Tribunal, l-attur qal li din kienet l-ewwel darba li ħadem għall-konvenut. Fuq domanda tat-Tribunal ukoll, l-attur qal li ma ftieħmux prezz, għaliex kien hemm xogħol ieħor x'isir, u l-konvenut wiegħdu li kien ser iħallsu.

L-attur qal li dan ix-xogħol sar fil-bidu tas-sena 2014. Qal li lill-konvenut ġarrlu wkoll għamara mid-dar ta` ommu għad-dar tiegħu fil-Mosta. Dan ix-xogħol sar fi tlett okkażjonijiet, erba' siegħat kull darba. Ix-xogħol sar kollu bil-vann tal-attur. F'okkażjoni oħra, l-attur qal li ġarr għamara ħażina mid-dar ta` omm il-konvenut lejn il-Magħtab. Qal

[2] Ara xiehda, 13.3.2018, fol.21 sa 23

li ta` dan ix-xogħol jippretendi ħlas ta` €500.  Skond l-attur, il-konvenut qatt ma qallu li ma riedx iħallsu, pero` baqa' qatt ma ħallsu.

In kontroeżami, l-attur qal li dan il-ħlas talbu lill-konvenut madwar xaħar wara li lestielu x-xogħol, u ma talabhulux qabel għaliex pretenda li minn jeddu l-konvenut imur iħallsu.  Skond l-attur, il-kwistjonijiet bejnu u bejn martu bdew f'Ġunju 2014, meta martu ħarbet mid-dar, pero` lill-konvenut baqa' jkellmu xorta.  Qal li f'materjali nefaq flus biss biex xtara l-*fuel* għall-vettura tiegħu, pero` mhux jippretendi ħlas ta` materjali.

L-attur aċċetta li qatt ma ħareġ kont lill-konvenut.  Huwa ċaħad li jaf li l-konvenut għadda ħlas bil-One-For-All Gift Vouchers lil mart l-attur għal uliedhom, fis-somma komplessiva ta` €350, u qal li dawn qatt ma rahom. Fuq domanda tat-Tribunal, l-attur qal li ma jagħmilx xogħol ta` ġarr b'mod regolari, pero` ġieli għamel xogħol bħal dan, u dejjem għamlu għal ħlas. Huwa pero` mhux reġistrat mad-dipartiment tal-VAT, għalkemm qal li jiddikjara d-dħul fl-aħħar tas-sena.

Il-konvenut **Joseph Fenech**[3] ikkonferma li jiġi ħaten l-attur, u li l-attur u oħtu ilhom għaddejjin xi ħames snin bi proċeduri ta` separazzjoni.  Qal li, meta kien għadu ma jafx b'dan l-inkwiet bejniethom, l-attur kien offra li jgħinu jġorr kċina li kien xtara minn Birżebbuġia, u li ried jarmaha l-Mosta.  Kien stara wkoll madum għad-dawra tal-kċina, li kien għand omm il-konvenut, u l-attur offra li jġorrlu dak ukoll.  Ta` dan ix-xogħol, il-konvenut qal li offra li jħallas lill-attur, pero` dan irrifjuta, u għalhekk il-konvenut minn jeddu offra li jagħti xi ħaġa lit-tfal tal-attur, u l-attur aċċetta.  B'kollox taghom €300 f'Vouchers, li għaddiehom lil oħtu, ossia mart l-attur.  Il-konvenut iddikjara li qatt ma rċieva kont mingħand l-attur.

In kontro-eżami, il-konvenut iddikjara li x-xogħol kien jinkludi li jżarmaw il-kċina minn fejn kienet, iġorruha ftit ftit għal fejn ried iwaħħalha.  Qal ukoll li l-attur kien preżenti meta għadda l-*Vouchers* lil oħtu, u li dana ġara fid-dar ta` omm il-konvenut.  Qal

[3] Ara xiehda, 29.5.2018

li b'kollox għaddielha €350 f'*Vouchers*, u li b'hekk qies li kien qed iħallas lill-attur ta` xogħlu. L-attur jaħdem l-isptar, u missieru jaħdem fil-ġebel.

Il-konvenut ressaq b'xhud tiegħu lil oħtu, ossia mart l-attur, **Jane Agius**,[4] li kkonfermat li hi u żewġħa għandhom proċeduri ta` separazzjoni pendenti bejniethom. Qalet li l-kċina kien sabha l-attur stess għall-konvenut, meta kienu għadhom ma bdewx bil-proċeduri ta` separazzjoni, għalkemm kien ikollhom ħafna xi jgħidu, u offrielu li jgħinu jġorrha. Qalet li, fil-presenża tagħha, il-konvenut offra li jħallas lill-attur, pero` l-attur ma riedx ħlas. Xi ġranet wara, ħuha offra lill-attur €300 f'*Vouchers* tal-One for All, li l-attur ma riedx jaċċetta, u mbagħad ħadithom ħi u nefqithom għat-tfal, għaliex kienet taf li żewġħa ppretenda li jitħallas.

In kontro-eżami, ix-xhud insistiet li l-*Vouchers* ħadithom ħi, quddiem żewġħa u quddiem ommha.

Ikkunsidra wkoll li:

Din hija kawża li l-attur qed jagħmel kontra ħatnu għall-ħlas tas-somma ta` €500 prezz ta` xogħlijiet ta` żarmar u armar ta` għamara, u ġarr tagħha u ta` madum li għamel għall-konvenut.

Mix-xiehda li sema' f'din il-kawża, it-Tribunal fehem li din il-kwistjoni hija, xi ftit jew wisq, dovuta għal li l-attur qiegħed fil-proċess li jinfired legalment minn ma' oħt il-konvenut, li tiġi martu, u li xehdet f'din il-kawża. It-Tribunal fehem ukoll li jeżisti sentiment negattiv bejn l-attur u martu, li jestendi għall-qraba tagħha, kif solitament jiġri f'każijiet bħal dawn.

It-talba kif ġiet impustata, daqslikieku l-attur kien qed jitlob ħlas ta` appalt kuntratt bil-kitba bejn u l-konvenut, fil-verita` ma rriżultatx pruvata. Lanqas irriżulta pruvat li x-xogħol, li tiegħu l-attur qed jitlob ħlas, sar kollu fil-proprjeta` tal-konvenut fil-

[4] Ara xiehda, 29.5.2018

Mosta. Anżi t-Tribunal fehem li l-parti l-kbira tax-xogħol kienet tikkonsisti fil-ġarr tal-għamara żarmata – f'diversi traġitti – minn Birżebbuġia għall-Mosta. L-attur lanqas ta spjegazzjoni ta` kif wasal għall-ammont mitlub minnu ta` ħames mitt Ewro (€500), u ma jirriżultax pruvat li nkorra xi spejjeż, għajr għall-*fuel* tal-vettura tiegħu użata għall-ġarr.

Wara li qies ix-xiehda kollha mismugħa minnu, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-attur ma rnexxielux jipprova, fuq bilanċ ta` probabiltajiet, li għandu jieħu mingħand il-konvenut is-somma mitluba minnu b'din il-kawża, jew xi ħlas ieħor, tas-servizzi li ppresta lill-konvenut. L-attur ma ressaq ebda xhud ieħor li jikkorrobora l-verżjoni tal-fatti mogħtija minnu, filwaqt li mart l-attur, forsi kif mistenni, bejn wieħed u ieħor ikkorroborat il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-konvenut, partikolarment dwar li (i) l-attur ma talabx u ma ppretendiex ħlas kemm qabel, u anke wara, li assista lill-konvenut fiż-żarmar, ġarr u armar tal-kċina; (ii) il-konvenut minn jeddu ried li jikkumpensa lill-attur tal-għajnuna li tah, u meta dan irrifjuta l-ħlas, offra li jikkumpensah b'mod ieħor għall-benefiċċju ta` uliedu; (iii) effettivament, il-konvenut għadda kumpens in natura lil mart l-attur, li aċċettat il-ħlas, fil-komunjoni mal-attur, bl-intiża li ma kien fadallu jħallas xejn aktar lill-attur, kif effettivament eċċepixxa f'din il-kawża.

Għalkemm il-konvenut ma kienx konsistenti dwar il-valur tal-kumpens li għadda lil mart l-attur, it-Tribunal iqis li, jekk dan kien fl-ammont ta` €300 kif sostniet mart l-attur, allura dan kien kumpens adegwat għas-servizzi li ddikjara li ta l-attur lill-konvenut, u li tagħhom qed jippretendi li jitħallas b'din il-kawża.

Għar-raġunijiet kollha hawn mogħtija, dan it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u jiċħad it-talba tal-attur. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-attur.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**